**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 5** **21 ta' Awwissu, 2024**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fl-4:00pm.

**PREŻENTI:**

Steven Grech - Sindku
Miriam Camilleri - Viċi Sindku
Nazzareno Bugeja - Kunsillier
Matthew Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

Daniel Zerafa - Kunsillier

**ASSENTI:**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **5.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija.** |
| 5.1.1 | Il-laqgħa bdiet fl-16:08. Il-Kunsillier Zerafa kien assenti b'apoloġija |
| | |
| **5.2** | **Master Plan – Marsaxlokk.** |
| 5.2.1<br><br><br><br>5.2.2<br><br><br>5.2.3<br><br><br><br><br><br><br><br>5.2.4<br><br><br><br><br>5.2.5<br><br>5.2.6<br><br><br>5.2.7<br><br>5.2.8<br><br><br>5.2.9<br><br>5.2.10 | Il-Perit William Lewis u l-Perit Kurt Scicluna introduċew lilhom infushom u qalu li huma ġew imqabbda mill-MTA biex jaħdmu fuq dan il-proġett. Apparti huma, hemm perit ieħor minn naħa tal-IM u dawn qegħdin jaħdmu flimkien sabiex ix-xatt jiġi pedonali f'ċertu ħinijiet.<br><br>Huma qalu li meta se jiġi mplimentat il-Master Plan, ser jiġi offrut is-servizz tal-Park & Ride, aktar Green Spaces u x-xatt pedonali f'ċertu ħinijiet, b'hekk ikun jista' jitgawda minn kulħadd.<br><br>Is-Sindku qal li filgħodu ix-xatt jibda jintuża mis-sajjieda u filgħaxija mir-ristoranti, dan il-ħsieb hu biex jiġi pedonali nhar ta' Ġimgħa, Sibt u Ħadd. Is-Sindku Grech, informa lill-kunsilliera li ilu jattendi laqgħat il-Ministeru tat-Turiżmu rigward il-pjan ta' riġenerazzjoni ta' Marsaxlokk u anke kellu laqgħat ma' membri tal-uffiċju tal-Prim Ministru u l-Infrastructure Malta. Għaldaqstant hu xtaq li issir din il-laqgħa biex il-kunsilliera jkunu infurmati fiex wasal il-Master Plan u hekk ikollu laqgħa oħra, jkun jaf il-pożizzjoni tagħhom fuq dan il-proġett.<br><br>Il-Perit Scicluna beda jagħti spjegazzjoni ta' kif inhi imqassma l-preżentazzjoni. Dan qal li hi maqsuma fi tnejn, dik 'long term' u dik 'short term'. Hu spjega wkoll it-tibdil fid-direzzjonijiet tat-toroq li din ser iġġib magħha. Qal li dik 'long term' jaf tieħu snin oħra biex titlesta, filwaqt li dik 'short term' tista' tiġi fis-seħħ aktar malajr.<br><br>Il-periti ressqu u spjegaw il-proposti (dokument tal-preżentazzjoni anness mal-minuti)<br><br>Dik 'short term' fiha 3 għażliet li jistgħu jsiru sakemm tinfetaħ il-biċċa bejn Triq Lepanto ma' Triq il-Kavallerizza.<br><br>Dik 'long term' tista' ssir la darba tinfetaħ dik it-triq li tagħti bejn Triq Lepanto ma' Triq il-Kavallerizza.<br><br>Wara li kulħadd sema il-proposti, is-Sindku Grech ressaq quddiem il-kunsilliera għal votazzjoni hekk kif ġej:<br><br>Taħsbu li għanda nistennew naqa oħra fejn ilna u nmorru għall pjan 'long term' mill-ewwel?<br><br>Kien hemm qbil Nem. Con. |

| | |
|---|---|
| **5.3** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 5.3.1 | Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fi 17:53 u ġiet ikkonfermat li l-laqgħa li jmiss se ssir it-Tlieta 10 ta' Settembru 2024, fl-4:30pm |
| | |

Konfermati, illum 10 ta' Settembru, 2024.

**IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

________________________

**Karen Scicluna**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

__________________________

*Proponent*

**IFFIRMATA**

__________________________

*Sekondant*